# REĠJUN ĊENTRU

## MINUTI

### Laqgħa tar-Reġjun Numru 25

## IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

Il-Ġimgħa 9 ta' Awwissu, 2019

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 33, Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sinjura Joanne Debono Grech – Sindku Birkirkara
Is-Sur Trevor Fenech – Sindku San Ġwann
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku tas-Sliema
Dott. Albert Buttigieg – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Conrad Borg Manché – Sindku Gżira
Is-Sur Daniel Mallia – Viċi *Sindku* Ħal Lija
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Dott. Angelo Micallef - Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sinjura Magraret Baldacchino Cefai – Sindku l-Imsida
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pieta'
Is-Sur Gianluca Falzon – Viċi Sindku Santa Venera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

25.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qara l-ittri ta' apoloġija mingħand is-Sur Stefan Cordina sabiex jinfurmana li ma setax jattendi għal din il-laqgħa.

25.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw din l-ittra ta' apoloġija.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

25.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 24 li saret nhar it-Tlieta 16 ta' Lulju 2019 kienu meħuda bħala moqrija.

25.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef, u sekondati mis-Sindku ta' San Ġiljan, Dott. Albert Buttigieg.

## 25.3 Komunikazzjoni mill-President

25.3.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mingħand il-President.

## 25.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

25.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet imressqa mill-membri.

## 25.5 Rapporti – *Financial Quarterly Report*

25.5.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, sejjaħ lill-Accountant ta' dan ir-Reġjun, is-Sur Daniel Galea, sabiex ikun preżenti fil-laqgħat u jiġi diskuss il-*Financial Quarterly Report* għal perjodu minn April 2019 sa Ġunju 2019 fejn dawn kienu meħuda bħala moqrija peress li ż-żewġ dokumenti kienu ntbagħtu qabel permezz ta' emejl.

25.5.2 Is-Sur Daniel Galea għamel spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport fejn ġibed l-attenzjoni li peress li l-allokazzjoni kienet sa Mejju għax-xhar ta' Ġunju ma kien sar l-ebda *accrual* peress li m'hemmx indikazzjoni ta' kemm ser tkun l-allokazzjoni li jmiss.

25.5.3 Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Joanne Debono Grech, staqsiet jekk hemmx xi flus li dawn ser jiġu mqassma.

25.5.4 Il-President spjega li dik hija diskussjoni li ssir bejn il-membri preżenti wara li jkun ġie approvat dan ir-rapport u l-Accountant ma jkunx preżenti fil-kamra.

25.5.5 L-Accountant, is-Sur Daniel Galea, żied jgħid li b'referenza għal minuti numru 20/2019, dan ir-Reġjun kien għamel proġett mill-fondi allokati tar-Reġjun billi nxtraw *cigarette bins* u kienu ġew imqassma lill-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun.

25.5.6 Peress li ma kien hemm l-ebda mistqosija mresqa mill-membri preżenti, il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irringrazzja lis-Sur Daniel Galea talli kien preżenti għal din il-laqgħa.

25.5.7 Ir-rapport kien approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, u sekondat mill-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Sciberras.

25.5.8 Is-Sinjura Debono Grech talbet lill-President jindika l-persentaġġ ta' flus li ser jiġu mqassma lill-Kunsilli Lokali.

25.5.9 Is-Sur Fenech Adami ssuġġerixxa li dan ir-Reġjun għandu jistenna sabiex ikun jaf kemm ha tkun it-tieni allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern.

25.5.10 Is-Sindku tal-Pieta', is-Sur Keith Tanti, qal li dawn l-affarijiet għandhom jiġu diskussa bejn il-membri kollha preżenti u mis-surplus għandhom jiġu mqasma nofshom. Hu spjega li dawn m'għandhomx jibqgħu jiġu pposponuti minn xhar għall-ieħor u din is-somma mgħandix tinżamm fil-kontijiet.

25.5.11 Is-Sur Fenech Adami qal li bħala Reġjun dejjem tqassmu l-flus u l-Kunsill iddeċieda kif dawn għandhom jintnefqu. Inkella Kunsill Lokali għandu jressaq it-talba tiegħu billi japplika għal-fondi u fuq l-approvazzjoni waqt laqgħa tar-Reġjun biss ikunu jistgħu jsiru l-proġetti u jiġi refonduti l-ħlasijiet.

25.5.12 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li hija kienet talbet lid-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Chris Galea, sabiex tingħata linja gwida dwar kif għandha tibda tintuża l-allokazzjoni. Madanakollu, hi spjegat li għadha ma saret l-ebda laqgħa dwar dan.

25.5.13 Is-Sindku ta' San Ġiljan, Dott Albert Buttiġieg, qal li r-Reġjun għandu jistenna sabiex ikun jaf iċ-ċifra u b'hekk ikun f'pożizzjoni aħjar sabiex ikun hemm diskussjoni dwar it-tqassim tal-flus.

25.5.14 Is-Sur Fenech Adami spjega li meta jsir it-tqassim ta' flus għandha tintuża l-istess proċedura kif kienet fis-snin li għaddew fejn l-ewwel tiġi mqasma persentaġġ ugwali ta' 2.5% umbad il-kumplament tas-somma għandha titqassam skond il-lokalita' fejn ġew mgħotija ċ-ċitazzjonijiet.

25.5.15 Is-Sur Tanti qal li din il-proċedura għandha terġa tiġi diskussa bħala Kumitat.

25.5.16 Is-Sur Anthony Chircop spjega li din id-deċizjoni kienet ittieħdet fl-istess kumitat għandha tibqa treġi peress li għalkemm il-membri m'għadhomx l-istess però l-kompożizzjoni baqgħet l-istess.

25.5.17 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għandha titressaq mozzjoni dwar dan fil-laqgħa li jmiss.

25.5.18 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, issuġerixxa li għandhom jitqajmu l-punti għal diskussjoni f'din il-laqgħa sabiex tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

25.5.19 Is-Sur Tanti spjega li jekk tiġi mqassama s-somma ta' €300,000, tingħata €10,000 lil kull Kunsill Lokali u l-kumplament tas-somma (€170,000) tkun tista' tiġi mqassma bejn il-Kunsilli Lokali kollha skond iċ-ċitazzjonijiet maħruġa. Jekk kienet ser tinħadem fuq 2.5% is-somma tkun dik ta' €7,500.

25.5.20 Is-Segretarju Eżekutiv offriet sabiex taħdem l-ammonti taż-żewġ proposti u jintbagħtu b'emejl lir-rappreżentanti kollha sabiex tkun tista' tiġi diskussa mal-Kunsill Lokali rispettiv.

25.5.21 Kien hemm qbil unanimu dwar dan mingħand il-membri kollha preżenti.

## 25.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Bandar bl-Arbli għar-Reġjun Ċentru*

25.6.1 Fuq talba mressqa fil-laqgħa fil-preċedenti l-President, is-Sur Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw tliet arbli bil-bnadar ta' Malta, ta' l-Unjoni Ewropea u tar-Reġjun kif ukoll il-Pride Flag.

25.6.2 Il-Membri preżenti unanimament qablu li dawn għandhom jinxtraw mingħand l-irħas fornitur.

- *Parteċipazzjoni*

25.6.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li ser tkun qed tittella l-bandiera bil-kuluri tal-qawsalla mis6 sal-15 t'Awwissu 2019 bħala turija ta' sapport għal inklussivita f'post pubbliku. Hu ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jipparteċipaw ukoll.

25.6.4 Il-President ġibed l-attenzjoni tal-membri kif ħafna mill-Kunsilli Lokali mhumiex qed japplikaw għall-iskemi li qed jiġu maħruġa mill-Gvern. Hu ħeġġeġ lill-membri kollha sabiex jattendu għall-laqgħa li qed tiġi organizzata mid-Dipartiment dwar l-iskemi kollha li ser ikunu maħruġa fix-xhur li ġejjin.

25.6.5 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li wħud mill-Kunsilli Lokali mhumiex qed jilħqu jiċċirkulaw dawn l-emejls minħabba l-volumm ta' emejls li jirċievu l-Kunsilli.

25.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, offriet li meta r-Reġjun jirċievi e-mejls bħal dawn, is-Sinjura Galea tibgħathom immedjatament fuq l-emejls personali tal-membri wkoll.

25.6.7 Il-membri preżenti rringrazzjaw lis-Sa. Galea u aċċettaw dan is-suġġeriment.

- *Website għar-Reġjun*

25.6.8 Fuq talba mill-laqgħa preċedenti, il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex issir website għar-Reġjun peress li din qatt ma saret. Waħda mill-għanijiet hija sabiex il-ktieb li ġie ippublikat fil-bidu ta' din is-sena jkun aċċessibli wkoll fuq din is-*site.*

25.6.9 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, issuġġerixxa li jkun aktar aħjar għall-Kunsilli Lokali kollha li kieku l-kumpanija magħżula titħallas xi ħaga aktar sabiex tieħu ħsieb il-h*osting* tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun ukoll.

25.6.10 Is-Sindku ta' San Ġiljan, Dott Albert Buttiġieg, spjega li llum il-ġurnata n-nies aktar jidħlu fil-paġna ta' Facebook milli fuq il-website.

25.6.11 Il-Viċi Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Gianluca Falzon, talab kemm huma l-ispejjez li jridu jitħallsu kull sena apparti l-ispiża ta' darba biex tkun tista' tiġi kkreata din il-website.

25.6.12 Il-President spjega l-kwotazzjonijiet kollha u qal ukoll li biex ir-Reġjun ikun jista' japplika għal fondi ta' l-Ewropa, għandu jkollu website uffiċċjali.

25.6.13 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li dan huwa l-unika Reġjun minn ħames Reġjuni li sa llum il-ġurnata għadu bla website uffiċċjali.

25.6.14 Il-membri preżenti unanimament qablu li din għandha terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss u nitolbu jekk nistgħux nintegraw l-ideat proposti mill-membri preżenti.

- *Community Innovation Fund*

25.6.15 Il-President spjega li ser issir laqgħa mal-Kunsilli Lokali kkonċernati dwar il-fondi allokati dwar din l-iskema nhar it-Tlieta 20 t'Awwissu 2019. Aġġornament dwar din il-laqgħa tingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Lista ta' l-Inventarju*

25.6.16 Il-President informal ill-membri preżenti li fil-lista ta' l-inventarju ġie miżjud l-air condition li kien ġie imwaħħal ftit tal-ġranet qabel b'referenza RC181.

- *Sports Day 2019*

25.6.17 Il-President informa lill-membri preżenti li qed isiru l-preparamenti meħtieġa sabiex titella Sports Day nhar il-Ġimgħa 18 t'Ottubru 2019 ġewwa ċ-Ċentru tal-Fiżika, il-Ħamrun. Għal din ir-raġuni s-Sur Fenech Adami preżenta tliet kowtazzjonijiet għal tliet fotografers, tliet kowtazzjonijiet għal Sistema ta' *sound*,

tliet kwotazzjonijiet għall-flokkijiet biex jintlibsu mill-istudenti, tliet kwotazzjonijiet sabiex jinxtara sports equipment biex jintuża f'dan l-avveniment umbad jibqa jintuża minn dan iċ-ċentru, tliet kwotazzjinijiet għal servizz ta' transport għall-istudenti kif ukoll kwotazzjoni waħda għal servizz ta' ambulanza biex tkun preżenti waqt li tkun għaddejja din l-attivita'.

25.6.18 B'mod unanimu l-membri preżenti qablu li għandhom jintagħżlu l-irħas kwotazzjonijiet.

- *Avveniment Sportiv f'Diċembru 2019*

25.6.19 Il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun qed jipprepara wkoll l-aħħar avveniment sportiv li ser jinżamm nhar il-Ġimgħa 13 ta' Diċembru 2019 u għal din ir-raġuni huwa ppreżenta tliet kwotazzjonijiet għas-sistema tas-sound u tliet kwotazzjonijiet oħra għas-servizz ta' fotografija.

25.6.20 Il-membri preżenti unanimament qablu li għandu tintgħażel l-irħas offerta.

25.6.21 Is-Sur Fenech Adami fakkar ukoll li għal dan l-avveniment ser ikun hemm ukoll il-ħlas lill Birkirkara St Joseph Club għas-servizz li jingħata sabiex tittella din l-attivita'.

- *L-iskema CIES*

25.6.22 Il-President informa lill-membri preżenti dwar l-impjegata li dan ir-Reġjun għandu permezz ta' din l-iskema u kif il-kuntratt ser jasal fi tmiemu l-aħħar t'Ottubru 2019. Għal din ir-raġuni d-DGL għandu bżonn ikun infurmat dwar jekk ir-Reġjun jixtieqx jerġa jġedded l-istess kuntratt taħt din l-iskema għall-perjodu ta' tliet snien oħra.

25.6.23 Il-membri preżenti unanimament qablu li l-kuntratt għandu jiġġedded għal perjodu ta' tliet snin taħt l-istess skema.

- *Allowances*

25.6.24 Is-Sur Fenech Adami għamel referenza għall-artiklu li kien ġie ppublikat fil-gażżetta lokali, The Times of Malta, dwar l-allowances tas-Sindki u Kunsilliera kif ukoll tal-Presidenti.

25.6.25 Hu spjega kif f'dan l-artiklu issir referenza għall-allowance lir-rappreżentanti li jkunu preżenti fil-laqgħat tar-Reġjun ta' €7,508 fis-sena. B'hekk, is-Segretarju Eżekuttiv immedjatament talber kjarifika mid-DGL fejn id-Direttur, is-Sur Chris Galea, wieġeb li din l-informazzjoni ma kinitx korretta.

- *Scanning ta' Karti*

25.6.26 Il-President spjega kif fl-aħħar laqgħa li saret mad-DPO tar-Reġjun il-Ħamis 30 ta' Lulju 2019, ġiet diskussa l-problema li dan ir-Reġjun għandu bil-karti tat-Tribunal. Għal din ir-raġuni, is-Sur Fenech Adami ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex isir eżerċizzju ta' *scanning* ta' karti minn terzi persuni fuq il-każijiet li saru matul is-sena 2016 sabiex umbad ikun jista' jinħareġ *tender* għal dan is-servizz.

25.6.27 Il-membri preżenti unanimament qablu li dan l-eżerċizzju għandu jsir mingħand l-irħas fornitur.

- *Proġett – Admin4all*

25.6.28 Il-President informa lill-membri preżenti dwar laqgħat li saret nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju 2019 bejn il-President u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun flimkien ma' rappreżentanta tal-Internaton Organisation for Migration, is-Sinjorina Federica Parisoli, sabiex jiġi diskuss il-proġett Admin4all.

25.6.29 Is-Sur Fenech Adami spjega li peress li hemm numru kbir ta' lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun li huma milqutin minn din il-problema, inħasset il-ħtieġa li r-Reġjun għandu jipparteċipa f'dan Il-proġett u b'hekk jingħad mal-lokalitajiet l-oħra.

25.6.30 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 25.7 Xogħol Vakanti – Clerk (Skala 15 – *Part Time)*

25.7.1 Il-President għamel referenza għal din il-vakanza fejn is-Segretarju Eżekuttiv kienet infurmat lid-DGL bir-riżenja ta' l-impjegata u fuq approvazzjoni mid-Dipartiment bdiet il-proċess sabiex ikun hemm sejħa ta' vakanza. Din is-sejħa nfetħet b'mod intern fl-uffiċċju mid-19 ta' Lulju 2019 u għalqet il-Ġimgħa 2 t'Awwissu 2019, f'nofsinhar. Peress li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni din is-sejħa nfetħet b'mod intern fil-Kunsilli Lokali u Reġjuni għal perjodu ta' ġimgħatejn.

## 25.8 Preżentazzjoni mis-Segretarju Ġenerali tal-Malta Chambers of Planners, is-Sur Anthony Ellul

25.8.1 Il-President sejjaħ fil-kamra żewġ rappreżentati mill-Malta Chambers of Planners, is-Segretarju Ġenerali, is-Sur Anthony Ellul, kif ukoll il-President, is-Sur Bjorn Bonello.

25.8.2 Is-Sur Ellul irringrazzja lill-President tali kienu preżenti f'din il-laqgħa u spjega x-xogħol li jsir mill-Malta Chamber of Planners kif ukoll spjega li hemm il-ħsieb li jsiru korsijiet qosra sabiex jiġu diskussi dawn il-problemi bit-tama li aktar 'il quddiem ikun hemm deċentralizzazzjoni ta' l-ippjanar.

25.8.3 Wara li saret diskussjoni twila dwar l-ippjanar fil-lokalitajiet, kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex tissejjaħ laqgħa u jiġi diskuss dan is-suġġett biss.

## 25.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

25.9.1 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 23A u 23B.

## 25.10 Mozzjonijiet – Mozzjoni mressqa minn Dott. Albert Buttigieg – L-emenda tal-Liġi tal-Kera/ir-Reġistrazzjoni ta' Kerrejja ta' Short Lets dwar il-ġbir taż-żibel

25.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ppreżentat fuq il-mejda l-mozzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva permezz ta' emejl mingħand Dott. Albert Buttiġieg dwar l-emenda tal-liġi tal-kera/ir-reġistrazzjoni ta' kerrejja ta' *Short Lets* dwar il-ġbir taż-żibel.

25.10.2 Dott. Buttigieg qal li huwa ressaq din il-mozzjoni peress li tolqot lil kull Kunsill Lokali u tkun aktar aħjar kieku l-Kunsilli jingħaqdu kollha sabiex ikun hemm iktar saħħa bħala Reġjun u mhux fuq bażi individwali.

25.10.3 Peress li kien sar ħafna ħin u kien hemm bżonn li dan is-suġġett jiġi diskuss fil-fond kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti sabiex tinżamm laqgħa fil-ġranet li ġejjin fejn dawk il-membri li huma nteressati dwar dan is-suġġett jiltaqgħu u jiddiskutu. Il-konklużjonijiet minn din il-laqgħa għandhom umbad jitressqu waqt il-laqgħa tar-Reġjun.

## 25.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

25.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Awwissu, 2019 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 26 t'Awwissu, 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |